MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 128/2004

**Antignolo Anna ghan-nom tal-kumpanija C&H Bartoli Ltd**

**Vs**

**Scicluna Anthony ghan-nom ta' ItalPizzo Company Ltd u okkorendo f'ismu stess**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Jannar 2004 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1044 (elf erba` mija u erbghin Lira Maltin) dovuti bhala bilanc ta' somma akbar dovuta bhala merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

1. Il-kumpanija attrici tinsab kreditrici tal-konvenut proprio u okkorrendo nomine fis-somma ta' elf erba` u

erbghin lira Maltin (Lm1044) bilanc ta' somma akbar dovuta bhala prezz ta' fridge, pizza counter u oggetti mibjugha u kkonsenjati lilu kif jidher mid-Dok A.
2. Il-konvenut gie kemm il-darba interpellat biex ihallas u sa anke intbaghtitlu ittra legali fil-21 ta' Novembru 2003 (Dok X) izda ghal ta` xejn.
3. Ghalhekk l-attrici nomine titlob bir-rispett illi dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut nomine u okkorrendo proprio biex ihallasha s-somma fuq imsemmija ta' elf u erba` u erbghin Lira Maltin (Lm1044) bilanc ta' somma akbar dovuta lilha skond ma inghad fuq bhala prezz ta' fridge, pizza counter u oggetti ohra mibjugha u ikkonsenjati lilu.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali fuq imsemmija tal-21 ta' Novembru 2003 u bl-imghax ta 8% fis-sena mid-data tal-istess ittra legali kontra l-konvenut li hu imharrek ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi t-talba tal-attrici noe hija ntempestiva, stante li l-ftehim "a voce" bejn il-partijiet kien li l-hlas kellu jsir fi zmien sena u nofs minn meta inxtraw l-oggetti u cioe` minn Mejju 2003.
2. Illi fil-fatt, fil-mori tal-kawza rapprezentant/a tal-attrici noe sahansitra mar/marret ghall-hlas akkont izda r-ricevuta li kienet ser tigi rilaxxata kienet inaccettabbli ghall-konvenut pro noe, u ghalhekk il-konvenut pro noe iddepozita s-somma pretiza fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Dok AS1).
3. Illi whud mill-oggetti konsenjati mill-attrici noe kienu difettuzi u sahansitra anke kkagjonaw hsara f'apparat iehor tal-konvenut pro noe.
4. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.
5. Illi minhabba tali difetti fil-"pizza counter" giet kawzata hsara f'apparat iehor tal-attur pro noe. Ghaldaqstant il-konvenut pro noe jitlob lil dan it-tribunal li;
i. jordna lill-attrici noe li taghmel a spejjez taghha dawk l-alterazzjonijiet mehtiega biex jigu rimedjati n-nuqqasijiet fl-"pizza counter".

ii. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut pro noe fl-apparat l-iehor, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u
iii. Tikkundanna lill-istess attrici noe thallas is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-Ligi kontra l-konvenuta noe li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra l-kontro talba fejn inghad:

1. Illi f'Mejju 2003 il-konvenut pro noe xtara "pizza counter" minghand l-attrici noe.
2. Illi l-ftehim "a voce" bejn il-partijiet kien li l-hlas kellu jsir fi zmien sena u nofs.
3. Illi wara xi zmien il-konvenut pro noe ilmenta mas-Socjeta` C&H Bartoli li l-istess "pizza counter" kellu xi nuqqassijiet, liema nuqqasijiet is-Socjeta` attrici accettat li tirrimedja.
4. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, r-rimedju tas-socjeta` attrici ma srx skond l-arti u s-sengha.

Ra r-risposta tal-kontro-talba fejn inghad:-

Il-kontro-talba maghmula mill-konvenut nomine u okkorrendo proprio hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Kif jigi pruvat, l-allegazzjoni li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-hlas kellu jsir fi zmien sena u nofs hija bla bazi u ghalhekk ma jistax jinghad li t-talba attrici kienet intempestiva.

Il-konvenut qabel ma xtara spezjona dak li kien qed jixtri u kien kuntent. Jekk hemm xi hsara f'dak li xtara, din ma kienetx dovuta minhabba l-kumpanija attrici.

L-attrici nomine tikkontesta l-kontro-talba maghmula mill-konvenut nomine u okkorendo proprio.

L-allegazjoni tal-konvenut fil-kontro-talba li meta gie pprezentat l-avviz tat-talba is-somma mitluba kienet ghada mhux dovuta hija ghal-kollox bla bazi.

Qabel ma xtara il-konvenut ezamina u spezjona dak li kien sejjer jixtri, kien kuntent; ma jistax jallega li kienu difettuzi kif beda jaghmel zmien wara meta ma hallasx il-bilanc minnu dovut.

L-attrici nomine ghalhekk istitwit dawn il-proceduri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna nuqqas ta’ qbil bejn iz-zewg kontendenti dwar effettivament il-konvenuti propjament xtraw min ghand is-socjeta` u propjament is-socjeta attrici x’kellha tikkonsenja lis-socjeta` konvenuta.

Ma hemm l-ebda divergenza bejn il-partijiet dwar il-pagamenti li saru u li ghad baqghalhom isiru. Il-kontestazzjoni hija skritta fis-sens li s-socjeta` konvenuta ma komplitx thallas lis-socjeta` attrici minhabba skond kif minnha allegat, in-nuqqas ta’ konsenja kif patwit. Filwaqt ix-xhud tas-socjeta` attrici Erin Bartolo jghid li l-konsenja lis-socjeta` konvenuta dak minnu spezjonat fis-showroom taghhom. Anthony Scicluna f’isem is-socjeta` konvenuta kien attira l-attenzjoni tad-delivery man tas-socjeta` attrici kien ghadu bla kxaxen u ridhom solidi u alkuntrarju ghamilhomlu taz-zingu meta suppost kienu ta’ li s-stainlesteel. Mhux hekk biss imma l-kxaxen li kienu jimxu bir-roti u kienu jinqalghu u l-ball bearings bdew jispiccaw fuq wara tal-Bank. Sab ukoll li kellhu l-qieh tal-pizza plate kienet immakjata ukoll. Inoltre l-istess socjeta` attrici naqset li tikkonsenjalu l-wicc ta’ l-irham ghal-istess Pizza Counter.

Il-konfrontat bl-ozzjoni attrici allura is-socjeta` konvenuta ipprezentat ukoll kontro talba. Rinfaccjat b’tali sitwazzjoni li hi wahda mir-regoli quddiem dan it-Tribunal, it-Tribunal irid jirrikorri bilfors lejn il-verosimilita o meno tal-pretenzjonijiet jew allegazzjonijiet tal-partijiet rispettivi. Ma giet prodotta mill-ebda parti xi terza persuna ndipendenti minnhom stess sabiex tikkonforta it-tezi rispettivi taghhom. Is-socjeta` attrici tallega illi hija kellha tikkonseja lis-socjeta` konvenuta dak li d-Direttur taghha ra fix-showroom taghhom. Da parti taghha s-socjeta` konvenuta tramite d-Direttur taghha ha tallega illi ra dak li kien hemm fix-showroom pero` talab iz-zieda mieghu, liema zieda pero` konsistenti fl-irham u l-kxaxen dan ma baqax jigi konsenjat.

Illi s-socjeta` konvenuta kieku ma kenitx mghagla ghall-oggetti mixtrija minghand is-socjeta` attrici sabiex tiftah l-istabbiliment taghha sa halliet kollox hemm fejn kien jew ossia dak li gie konsenjat lilha ma kienx dak minnha mitlub u kienet tirritornah. Imma dana ma ghamlitux ghax riedet tiftah biex tahdem ghan-negozju.

Illi huma ferm difficli f’tali cirkostanzi f’mankanza ta’ provi orali jew dokumentarji biex jiddeciedi favur parti jew ohra. F’kazijiet simili allura t-Tribunal, kien gia kellhu okkazzjoni jirrimarka jkollhu bilfors jirrikorri ghal kwistjoni li jaqta l-istess kwistjoni fuq bazi ta’ verosimilita u biex tissehh l-ekwita bejn il-partijiet.

Illi s-socjeta` konvenuta qed tirriklama sittin lira Maltin (Lm60) irhama, kxaxen ta’ lis-stainlessteel li jiswew hamsin lira Maltin (Lm50) il-wiehed, pero` ma gie ndikat l-ebda numru u mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240) tal-Piatto Forno tal-pizza. In linea ta’ likwidazzjoni arbitio bouni viri bejn il-partijiet, it-Tribunal jikkonsidera illi l-istess spiza tinqasam ugwalment f’ammont ta’ hamsin fil-mija (50%) bejn il-partijiet.

Jiddeciedi ghalhekk it-Tribunal billi, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta’ elf u erbgha u erbghin lira Maltin (Lm1,044). Tilqa l-kontro talba tas-socjeta` konvenuta u tikkundanna lis-socjeta`

attrici thallas lis-socjeta` konvenuta s-somma ta’ mija u sitta u tmenin lira Maltin (Lm186) oltre l-VAT u in vista tac-cirkostanzi tal-kaz kull parti thallas l-ispejjes taghha u l-interessi jibdew jghaddu mill-prezentata ta’ l-avviz. Kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------